**17 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Giuseppe Mifsud

**Approprjazzjoni Indebita — Prova — Kompliċità — Awto-Inkolpazzjoni — Art. 307 u 348(c) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min jindaħal biex oġġett provenjenti minn approprjazzjoni ndebita jinbiegħ lil terza persuna, meta kien jaf li dak l-oġġett kellu dik il-provenjenza, hu ħati huwa wkoll ta' approprjazzjoni ndebita.*

*Jekk it-terza persuna, li xtrat dak l-oġġett, kienet taf hija wkoll b'dik il-provenjenza illeċita tal-istess oġġett, u għalhekk jista' talvolta jitqies li hija kompliċi, u li għalhekk ix-xhieda tagħha, bħala "tainted evidence", teħtieġ li tiġi korroborata, din il-korroborazzjoni għandha tiġi ritenuta bħala avverata jekk l-imputat, fl-interrogatorju li jsirlu mill-Pulizija, jiddikjara illi dik it-terza persuna kienet taf hija wkoll li l-oġġett kien misruq; għaliex, jekk l-imputat kien jaf, b'riferenza għall-waqt tal-kuntrattazzjoni ma' dik it-terza persuna, li din kienet konsapevoli mill-kriminożità ta' dak li kien qiegħed isir, allura "multo magis" kien jaf hu stess.*

*Allegazzjoni simili mill-imputat tammonta għal awto-inkolpazzjoni, kwantu għall-element tax-"scienter".*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru 1958, li biha sabet l-imputat ħati talli xjentement indaħal biex jinbiegħ cooker, li jiswa aktar minn għaxra iżda anqas minn mitt lira, meta kien jaf li dak il-cooker kien jipprovjeni minn approprjazzjoni ndebita, u kkundannatu għall-piena ta' lavori forzati żmien erbgħa xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu korrett dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, li Saliba kkommetta approprjazzjoni ndebita taħt l-art. 307 Kap. 12 (Appell Kriminali "Pulizija vs. Guido Fenech", 20. 10 1956), meta biegħ il-cooker lil Pace; għaliex, skond il-kondizzjonijiet a tergo tal-iskrittura tal-"hire purchase" (fol. 19), hu kien obligat jagħmel użu determinat tal-istess cooker, ċjoè f'dak il-post partikulari, "John House", Queen Street, Pawla, u ma jirrimwoviehx minn hemm; kondizzjoni ovvjament essenzjali, għaliex inkella d-drittijiet tal-venditur bil-"pactum dominii' jistgħu jiġu faċilment elużi. Mill-provi deher li l-imputat indaħal biex dan il-cooker jinbiegħ minn Saliba lil Pace. Miċ-ċirkustanzi kollha emersi mill-provi l-Qorti hi soddisfatta li l-imputat kien jaf li l-cooker kien qiegħed jiġi ndebitament approprjat minn Saliba;

Din il-Qorti mhix qegħdha tippronunzja ruħha bl-ebda mod fuq il-pożizzjoni ta' Giuseppe Pace f'din il-vertenza; imma, anki kieku stess dan Pace kellu jiġi ritenut, "ex hypothesi", bħal komparteċipi b'xi mod f'dan ir-reat, u kieku għalhekk kellu jitqies kompliċi, li x-xhieda tiegħu, bħala "tainted evidence", teħtieġ konferma (ara anki App. Krim. "Pulizija vs Degiorgio", 21. 3. 1953), din il-konferma

tiġi mill-kliem li l-imputat qal lill-Ispettur Gregorio Sciclu-na waqt l-interrogatorju "imma Pace kien jaf li kien mis-ruq"; liema kliem jammontaw għall awto-inkolpazzjoni kwantu għall-element tax-"scienter"; għax jekk l-imputat kien jaf, b'riferenza għall-waqt tal-kontrattazzjoni ma' Pace, li dan Pace kien konsapevoli mill-kriminożità ta' dak li kien qiegħed isir, "multo magis" kien konsapevoli hu stess. Hu riċevut fid-dottrina li din il-korroborazzjoni fuq imsemmija tista' tiġi anki minn xi dikjarazzjoni tal-istess imputat, bħal f'dan il-każ;

Iċ-ċitazzjoni tal-artikoli tal-liġi fis-sentenza appellata hi korretta, kuntrarjament għal dak li ppruvat issostni d-difiża; għaliex ir-reat kommess hu dak tal-art. 348(c) b'riferenza għar-reat taħt l-art. 307 Kap. 12;

Ma hemm ebda raġuni biex din il-Qorti tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Maġistrat dwar il-piena;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza ap-pellata.